# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

## Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

## Il-Marki: 20 marka

## Il-Ħin: 30 minuta

## L-Ewwel Silta: Intervista fuq Radju Ismagħni (10 marki)

**Taħriġ A** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Il-programm *Merħba Bik* jixxandar fl-erbgħa ta' waranofsinhar.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☑

2. L-għaddas ingħaqad mal-Għaqda tal-Għaddasa meta kiber.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

3. Meta Mauro jogħdos, sikwit jiltaqa' mal-fkieren.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

4. Biex tibda togħdos mal-Għaqda, irid ikollok tal-inqas għaxar snin.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

5. Skont il-programm, in-nies jibżgħu għall-baħar u ma jħammġuhx.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

6. Il-programm tal-lum wassal intervista.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**Taħriġ B** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**1.** Il-preżentatriċi tal-programm kunjomha

a) Busuttil.

b) Borg.

ċ) **Coleiro**.

**2.** L-interess ta' Mauro Busuttil fil-baħar beda

a) minħabba l-fkieren.

b) minħabba missieru.

ċ) minħabba l-Għaqda tal-Għaddasa.

**3.** Xi kultant l-għaddasa jfittxu li jaraw

a) il-fkieren.

b) l-iskart.

ċ) vapuri li jkunu għerqu.

**4.** Taħt il-baħar ikun hemm ħafna

a) storbju.

b) silenzju.

ċ) għawwiema.

**5.** Meta l-għaddasa jaraw l-iskart f'qiegħ il-baħar

a) jiddispjaċihom.

b) ma jagħtux kas.

ċ) jifirħu.

**6.** Il-membri tal-Għaqda tal-Għaddasa se jiltaqgħu Marsalforn biex

a) jgħumu flimkien.

b) inaddfu l-baħar tal-madwar.

ċ) inaddfu x-xatt.

## It-Tieni Silta: Għand l-aġenzija tal-ivvjaġġar (10 marki)

**Taħriġ A** *(5 marki)*

**Imla l-vojt b'kelma waħda, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

Ramona u ___Manwel___ riedu jmorru Pariġi fis-sajf. B'hekk marru għand ____________________ tal-ivvjaġġar biex jippjanaw il-btala. Huma ____________________ din id-destinazzjoni għax kemm il-kbar kif ukoll it-tfal jieħdu gost. It-titjira għal Pariġi kienet se tkun fl-għaxra u nofs ta' filgħodu. Għoġbithom ____________________ fiċ-ċentru tal-belt minħabba li tinsab ħdejn ix-xmara. Riedu jibbukkjaw kamra għal ____________________ persuni. Il-ġenituri xtaqu li din il-btala tkun ____________________ għat-tfal ta' kemm ħadmu matul is-sena.

**Taħriġ B** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**1.** Manwel mar biex jibbukkja l-vaganza ma' martu

a) Anna.

b) <u>**Ramona.**</u>

ċ) Anita.

**2.** Ramona u Manwel xtaqu jdumu Pariġi

a) ftit inqas minn ġimgħa.

b) ġimgħa bl-eżatt.

ċ) għaxart ijiem.

**3.** Il-gwida tal-lokal kienet

a) se tiltaqa' magħhom l-ajruport ta' Malta u twassalhom Franza.

b) se tiltaqa' mal-familja Micallef fi Franza stess.

ċ) se tiltaqa' mal-familja Zammit fi Franza stess.

**4.** Xi postijiet ta' interess li se turihom il-gwida huma:

a) palazzi, funtani, mużewijiet u monumenti storiċi.

b) mużewijiet, parks tal-annimali, għelieqi u palazzi.

ċ) monumenti storiċi, mużewijiet, palazzi u toroq kbar mimlijin bini sabiħ.

**5.** Ramona u Manwel

a) ħallsu kollox fil-pront għax iddeċidew mill-ewwel.

b) riedu jaraw sew kemm se tiswiehom il-vaganza qabel jiddeċiedu.

ċ) kienu se jistennew l-istima b'telefonata mingħand l-aġenzija.

**6.** L-espressjoni **'iġġibu għajnejkom wara widnejkom'** tfisser:

a) tibqgħu mistagħġbin.

b) tpoġġu għajnejkom minflok widnejkom.

ċ) tħossukom mitlufin.

**Tmiem il-Karta**